ŻEBBUĠ

**MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN Nru. 21/2011 (Kienet addottata l-Aġenda KAM 18/2011)**

**Iltaqa' fil-Bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ**

**Data: Il-Ħamis, 3 ta' Novembru 2011**

**Ħin: Fit-8.30 ta' filgħodu**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sinjura Maria Saliba – Chairperson**
- **Is-Sur Emanuel Debono – Deputat Chairperson**
- **Is-Sur Victor Refalo – Membru**
- **Is-Sur George Sacco – Membru**
- **Is-Sur Joseph Zammit – Membru**
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Ippresjediet il-laqgħa ċ-Chairperson is-Sinjura Maria Saliba.

## 1. TALBA

Intqalet talba miċ-Chairperson u ngħata bidu għall-laqgħa.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Billi l-minuti tas-seduta b' nru. 20/2011 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Iċ-Chairperson talbet għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

Iċ-Chairperson talbet għall-approvazzjoni tal-minuti kif ippreżentata u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu.

Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 3. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

Id-Deputat Chairperson irrimarka li hu kien ivvota favur li jinqalgħu t-tabelli tal-*one way* fi Triq il-Qbajjar bil-kundizzjoni li l-Kumitat jerġa’ japplika s-sajf li ġej biex dik il-parti tat-triq terġa’ ssir *one way*.

Bankini għal Triq id-Duluri – tingħata *reminder* lill-Perit biex ilesti l-istima.

## 4. KORRISPONDENZA

Sar il-qari ta’ din il-korrispondenza:-

Ittra mibgħuta minn James Said dwar il-*bumping cars* is-sajf li ġej fil-*car park* ta’ Marsalforn. Il-Kumitat unanimament oġġezzjona li l-*bumping cars* jintramaw fil-*car park*. Il-Kumitat qabel li l-*car park* għandu jintuża esklużivament għall-*parking* u l-ispazju tal-*parking* ma għandux jitnaqqas.

Ittra ta’ Transport Malta dwar applikazzjoni għal *reserved parking bay* quddiem ‘Seaside Crt’ Flt A, Triq id-Duluri. It-talba kienet rifjutata minħabba l-proġett li se jsir mill-Ministeru għal Għawdex.

Is-Sur Refalo rtira mill-Kamra tal-Laqgħat minħabba mpenji personali li kellu.

Id-Deputat Chairperson tkellem dwar id-diversi garaxxijiet li hemm f’ Marsalforn, liema garaxxijiet ma tistax tipparkja quddiemhom u l-fatt li dawn il-garaxxijiet qed jintużaw bħala residenzi u anke ħwienet.

Stima ta’ Richard Cauchi biex il-funtana tal-*promenade* tal-Qbajjar tinżamm taħdem is-sena kollha. Il-Kumitat iddeċieda li jitlob stima oħra (xi ħadd li jieħu ħsieb il-*pools*).

Stimi tal-Perit tal-Kunsill biex it-triq li twassal għal Villa Fiorita tingħata kisja tarmak jew konkos. Il-Kumitat talab lis-Segretarja Eżekuttiva biex tikkomunika mas-Segretarju Parlamentari Dr Chris Said u titlob biex il-Kumitat ikun infurmat kemm ser jingħata żmien biex ilesti x-xogħol f’ din it-triq u indikazzjoni ta’ x’ budget hemm għat-triq.

Id-Deputat Chairperson ippropona u l-Kumitat qabel li l-i*speed limit* fit-toroq ta’ Marsalforn ikun 25km.

Il-Kumitat iddeċieda li:

- jingħalqu l-konok fuq il-bankina fi Triq Santa Marija faċċata ta’ Triq is-Salini biex il-bankina tkun aċċessibli minn kulħadd.
- jinqalgħu l-bankijiet ta’ fuq il-*front* ta’ Marsalforn biex ma jitkissrux bil-maltemp.

## 5. ILMENTI

Dwar id-diversi ilmenti u suġġerimenti tas-Sur George Sacco, il-Kumitat iddeċieda li:

- jibgħat *reminder* lill-Awtorita' dwar l-Ambjent u l-Ippjanar dwar id-diversi siti mhux żviluppati f' Marsalforn mingħajr ħitan ta' ilqugħ.
- *site visit* mill-Perit dwar il-*water culvert* propost għal Triq ix-Xagħra (faċċata ta' Triq is-Sajjied; biex l-ilma jintafa' għal ġol-wied) u l-problema tal-ilma tax-xita fi Triq Barda.
- tinġibed l-attenzjoni tad-Direttur responsabbli dwar iż-żbir tas-siġar fil-wied ta' Marsalforn partikularment ta' mal-arkata ta' Triq Lapsi.
- ikun inkorporat fit-*traffic management* ta' Pjazza San Pawl *single line* fin-nofs ta' Triq ix-Xagħra.
- niċċekkjaw mal-Environmental Landscape Consortium dwar tiżjin għall-Milied fi Triq ir-Rabat, fejn hemm it-tabella 'Welcome to Marsalforn' u r-*roundabout* li tiġi kantuniera ma' Triq Lapsi.
- jitlob kwotazzjoni lil Michael Bugeja għal armar ta' tiżjin ta' dwal tal-Milied fi Triq l-Isqof Ġużeppi Pace u Pjazza San Pawl.
- jitlob lid-Direttur responsabbli jindika meta se jinbeda x-xogħol fuq Triq Għar Qawqla.
- *site visit* mill-Perit dwar ir-*railing* propost li jsir fit-taraġ li minn fejn l-Għassa tal-Pulizija jagħti għal fuq iz-zuntier tal-knisja.

Ilment KAM 28/2011 – Mary Scerri
Talbet biex jerġgħu jinżebgħu l-*parking bays* fil-pjazzetta t' Għar Qawqla u jkunu eliminati l-*bays* tal-kantuniera. Ngħaddu t-talba lir-Roads Department.

## 6. MATERJA OĦRA

Il-Kumitat iddeċieda li jressaq l-ilmenti li għandu dwar il-post tal-votazzjoni f' Marsalforn minħabba d-diversi turġien li fih il-post u jissuġġerixxi s-Sala tal-Crystal Palace fi Triq ir-Rabat.

## 7. AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ntemmet fil-11.00 ta' filgħodu u l-Kumitat Amministrattiv ftiehem li laqgħa oħra tinżamm it-Tlieta ta' qabel jiltaqa' l-Kunsill Lokali fil-5.30 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| **Maria Saliba** | **Diane Tagliaferro** |
| ***Chairperson*** | ***Segretarja Eżekuttiva*** |